

DEĊIŻONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2016/2082

tat-28 ta' Novembru 2016

**li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-
ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu
tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fl-10 ta' Novembru 2008, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK ⁽¹⁾ li tistabbilixxi l-operazzjoni militari tal-UE Atalanta ("Atalanta").
- (2) Fil-21 ta' Novembru 2014, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/827/PESK ⁽²⁾ emendat l-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK u estendiet Atalanta sat-12 ta' Diċembru 2016.
- (3) Ir-rieżami strateġiku tal-2016 għal Atalanta wassal għall-konklużjoni li l-mandat ta' Atalanta jenħtieġ li jiġi estiż sa Diċembru 2018.
- (4) L-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK jenħtieġ li tiġi emendata kif meħtieġ.
- (5) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tiħux sehem fl-elaborazzjoni u l-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża. Id-Danimarka ma tiħux sehem fl-implimentazzjoni ta' din d-Deċiżjoni u għaldaqstant ma tikkontribwixxix għall-finanzjament ta' din l-operazzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 14, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"5. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-ispejjeż komuni tal-operazzjoni militari tal-UE għall-perijodu bejn it-13 ta' Diċembru 2016 sal-31 ta' Diċembru 2018 għandu jkun ta' EUR 11 064 000. Il-perċentwal tal-ammont ta' referenza msemmi fl-Artikolu 25(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/528 ^(*) għandu jkun ta' 0 %.

^(*) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/528 tas-27 ta' Marzu 2015 li tistabbilixxi mekkaniżmu sabiex jiġi amministrat il-finanzjament tal-ispejjeż komuni tal-operazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea li jkollhom implikazzjonijiet militari jew ta' difiża (Athena) u li tħassar id-Deċiżjoni 2011/871/PESK (ĠU L 84, 28.3.2015, p. 39)."

⁽¹⁾ Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/851/PESK tal-10 ta' Novembru 2008 dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-
kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-
xtut tas-Somalja (ĠU L 301, 12.11.2008, p. 33).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/827/PESK tal-21 ta' Novembru 2014 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK dwar operazzjoni
militari tal-Unjoni Ewropea bil-
ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-
armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (ĠU L 335, 22.11.2014, p. 19).

(2) Fl-Artikolu 16, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. L-operazzjoni militari tal-UE għandha tintemm fil-31 ta' Diċembru 2018.”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Novembru 2016.

Għall-Kunsill

Il-President

F. MOGHERINI
